

Brussell, 29 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

13206/15

**Fajl Interistituzzjonali:
2015/0065 (CNS)**

**FISC 128
ECOFIN 783**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7373/15 FISC 24
Suġġett:	Direttiva tal-Kunsill li tħassar id-Direttiva 2003/48/KE - Adozzjoni

1. Fid-19 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE. Din il-proposta għandha l-għan li tħassar id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq it-Tfaddil minħabba sovrapożizzjoni sinifikanti mad-Direttiva emendatorja dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC2) li ġiet adottata f'Diċembru 2014 u ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016. Il-proposta tipprevedi wkoll għadd ta' miżuri transitorji, b'mod partikolari fir-rigward tad-deroga mogħtija lill-Awstrija li permezz tagħha hija tista' tapplika d-DAC2 sena wara Stati Membri oħra.
2. Fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Marzu 2015, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa qabel dwar l-abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill mingħajr bidliet, kif jinsab fid-dokument 7373/15 FISC 24.
3. Id-delegazzjonijiet EL, FI, FR, IT, NL, PL, SK, SL u UK esprimew riżervi parlamentari. Minn dakinhar tneħħew ir-riżervi kollha.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tas-26 sad-29 ta' Ottubru 2015, filwaqt li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Mejju 2015.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Direttiva li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti fid-dokument 8214/2/15 REV 2 FISC 34 ECOFIN 259 + COR 1(da) + COR 2 + COR 3(de), bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.
-